



**Postijiet tax-Xogħol
li Jgħibu 'l Quddiem
is-Saħħa
JIMMANIĠĠJAW
IS-SUSTANZI
PERIKOLUŻI**



Karċinoġeni fuq ix-xogħol

Punti ewlenin

- Karċinoġenu huwa sustanza li tista' tikkawża, taggrava jew tippromwovi l-kanċer fil-bniedem jew fl-annimali. Xi karċinoġeni jistgħu jinġibdu man-nifs, oħrajn jistgħu jidħlu fil-ġilda jew fil-membrani mukużi. Fid-Direttiva Ewropea u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali hemm inklużi definizzjonijiet aktar dettaljati.
- Mhux kull esponiment għall-karċinoġeni se jwassal inevitabbilmint għall-kanċer: xi wħud minnhom jaġixxu wara esponiment ta' livell għoli u fit-tul filwaqt li oħrajn jaġixxu f'livelli aktar baxxi u wara perjodi ta' esponiment iqsar.
- Hemm numru ta' karċinoġeni li l-ħaddiema jistgħu jkunu esposti għalihom. Il-karċinoġeni okkupazzjonali magħrufin b'mod komuni jinkludu l-asbestos, ir-radon, ċerti pestiċidi, l-arseniku u d-duħħan tat-tabakk.
- Ħafna mill-karċinoġeni li l-ħaddiema huma esposti għalihom l-aktar ta' spiss huma ġġenerati mill-proċessi tax-xogħol. Eżempji jinkludu l-egżost tad-diżil, id-dħaħen tal-welding, it-trab tas-silika kristallina u t-trab tal-injam iebes. Il-karċinoġeni jistgħu jkunu preżenti wkoll f'materja prima (inkluż impuritajiet), sustanzi intermedji, prodotti jew prodotti sekondarji.
- L-effetti tal-esponiment għall-karċinoġeni jistgħu jseħħu żmien twil wara l-esponiment.
- Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, miżuri partikolarment stretti — minbarra dawk meħtieġa għal sustanzi perikolużi oħrajn — għandhom jittieħdu mill-impjegaturi għall-prevenzjoni tal-ħsara: l-eliminazzjoni tal-esponiment jew, fejn din ma tkunx possibbli, is-sostituzzjoni stretta, iż-żamma tal-karċinoġenu f'sistema magħluqa, iż-żamma ta' rekords dwar l-esponimenti, u rekwiżiti aktar stretti ta' informazzjoni u ta' dokumentazzjoni.
- Kwalunkwe dispożizzjoni dettaljata dwar il-ġestjoni tas-saħħa u s-skurezza okkupazzjonali (OSH) tal-karċinoġeni hi stabbilita fir-regolamenti nazzjonali. Għalhekk huwa rrakkomandat ħafna li tintalab kjarifika tar-rekwiżiti nazzjonali.

Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa Jimmaniġġjaw is-Sustanzi Perikolużi

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) qed tmexxi kampanja mal-Ewropa kollha matul l-2018 u l-2019 biex tippromwovi l-prevenzjoni tar-riskji minn sustanzi perikolużi fil-postijiet tax-xogħol. L-għan huwa li jitnaqqsu l-preżenza ta' sustanzi perikolużi u l-esponiment għalihom fil-postijiet tax-xogħol permezz ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji u modi effikaċi ta' kif dawn jistgħu jiġu evitati.

Valutazzjoni tar-riskji fuq il-postijiet tax-xogħol

L-impjegaturi jridu jivvalutaw ir-riskju ta' esponiment għall-karċinoġeni u jistabbilixxu miżuri preventivi filwaqt li jqisu l-mezzi kollha possibbli ta' esponiment (inkluż l-esponiment relatat mal-ġilda) u jinkludu l-ħżin ta' sustanzi kimiċi u skart. Id-data trid tiġi pprovduta lill-awtoritajiet fuq talba (pereżempju dwar attivitajiet, kwantitajiet, esponimenti, għadd ta' ħaddiema esposti jew miżuri preventivi). Trid tingħata attenzjoni speċjali lil persuni b'riskju partikolari u lil taħlitiet prodotti bħala **prodott sekondarju tal-proċessi tax-xogħol** (https://oshwiki.eu/wiki/Process-generated_contaminants) (bħal duħħan tal-iwweldjar jew trab mill-qtugħ tal-ġebel jew l-ipproċessar tal-injam).

Il-valutazzjonijiet tar-riskju għandhom jiġu riveduti regolarment, b'mod partikolari billi l-bidliet fuq il-post tax-xogħol jistgħu jintroduċu l-karċinoġeni:

- bidliet fil-kompożizzjoni tal-prodotti użati;
- prodotti ġodda — it-tossiċità ta' kwalunkwe prodott ġdid jenħteġ li tiġi vverifikata qabel dan ma jiġi introdott;
- bidliet fil-proċessi jew fil-metodi tax-xogħol.

Aġenti li bħalissa huma meqjusa bħala aċċettabbli jistgħu aktar tard jiġu rikonnoxxuti bħala karċinoġeni wara studji ġodda.

Għal aktar informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju, ara l-iskeda informattiva "Qafas leġiżlattiv dwar sustanzi perikolużi fil-postijiet tax-xogħol" (<https://healthy-workplaces.eu/mt/tools-and-publications/publications/info-sheet-legislative-framework-dangerous-substances-workplaces>).

Informazzjoni dwar ir-riskji

L-iskedi tad-data ta' sigurtà (https://oshwiki.eu/wiki/Safety_Data_Sheet) u t-tikketti jiddeskrivu l-perikli assoċjati ma' sustanzi kimiċi jew prodotti ttikkettati, u jagħtu informazzjoni dwar il-ġestjoni, il-ħżin u l-miżuri ta' emerġenza f'każijiet ta' inċidenti, l-użu/l-użi identifikat(i) tas-sustanza, il-kundizzjonijiet operattivi u l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju. Skeda tad-data ta' sigurtà mhijiex valutazzjoni tar-riskju. Min iħaddem jenħteġ li jaġġusta l-miżuri rakkomandati għall-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull post tax-xogħol.

Madankollu, mhux is-sustanzi kollha għandhom skeda tad-data ta' sigurtà u anke rigward dawk li għandhom jista' jkun hemm bżonn ta' aktar informazzjoni. L-impjegaturi jistgħu:

- jikkonsultaw id-dokumentazzjoni teknika, l-istruzzjonijiet għall-użu, il-bażijiet ta' data b'informazzjoni dwar ir-riskji kimiċi



(bħall-bażijiet ta' data tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi <http://echa.europa.eu/web/guest/information-on-chemicals>), u l-letteratura teknika u xjentifika;

- jitolbu lill-fornituri;
- jikkonsultaw is-servizzi preventivi;
- ifittxu parir mill-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, mill-kmamar tal-kummerċ, mit-trejdjunjins jew mis-servizzi tas-sigurtà soċjali;
- jikkuntattjaw lil awtoritajiet.

Ġerarkija ta' miżuri ta' prevenzjoni għall-karċinoġeni

L-esponiment tal-ħaddiema jrid jiġi evitat permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni f'ordni ta' prijetà definita.

- L-eliminazzjoni hija l-miżura l-aktar effikaċi u tista' tintlaħaq billi tinbidel it-teknoloġija użata jew billi jinbidlu l-karatteristiċi tal-prodott finali, biex l-użu ta' karċinoġeni ma jibqax meħtieġ.
- Sostituzzjoni t'fisser is-sostituzzjoni tas-sustanza jew tal-prodott perikoluż b'sustanza, prodott jew proċess aktar sikuri. M'għandhiex twassal għal perikli oħra b'livelli mhux aċċettabbli ta' riskju.
- Jekk is-sostituzzjoni ma tkunx teknikament possibbli, l-impjegatur għandu juża sistema teknoloġika magħluqa.
- Jekk sistema magħluqa ma tkunx teknikament possibbli, l-impjegatur għandu jnaqqas l-esponiment għall-minimu.
- Jekk ikun hemm riskju għall-ħaddiema, iż-żoni speċifikati għandhom ikunu aċċessibbli biss għall-ħaddiema li, minħabba x-xogħol tagħhom, huma meħtieġa li jidhru fihom.
- Jekk jintuża karċinoġenu, l-impjegatur għandu:
 - jillimita l-kwantità tal-karċinoġenu;
 - iżomm in-numru ta' ħaddiema esposti kemm jista' jkun baxx;
 - ifassal il-proċessi tax-xogħol b'tali mod li jitnaqqas ir-rilaxx ta' sustanzi (jiġifieri l-użu ta' miżuri ta' prevenzjoni kollettivi);
 - ineħħi l-karċinoġeni permezz ta' ventilazzjoni bl-estrazzjoni fis-sors;
 - juża proċeduri xierqa biex jitkejju l-karċinoġeni (speċjalment għall-identifikazzjoni bikrija ta' esponimenti anormali fil-każ ta' avvenimenti imprevedibbli jew aċċidenti);
 - juża miżuri ta' protezzjoni individwali jekk il-miżuri ta' protezzjoni kollettivi ma jkunux suffiċjenti;



- jimmarka ż-żoni ta' riskju u juża sinjali adegwati ta' twissija u ta' sigurtà;
- juża kontenituri ssiġillati u ttikkettati b'mod ċar għall-ħżin, l-immaniġġar u t-trasport u għar-rimi tal-iskart
- L-esponiment ma għandu fl-ebda każ jaqbeż il-valur ta' limitu ta' esponiment fuq ix-xogħol ta' karċinoġenu fejn ikun hemm wieħed.

Min iħaddem jeħtieġu jiżgura li jkun hemm iġjene xierqa (biex jitnaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni). Id-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet iridu jkunu mingħajr ħlas għall-ħaddiema, u għandhom jinkludu:

- il-projbizzjoni tal-ikel, ix-xorb u t-tipjip f'żoni ta' riskju ta' kontaminazzjoni;
- il-provviediment ta' ħwejjeġ protettivi xierqa u postijiet separati ta' ħżin għall-ħwejjeġ tax-xogħol u mhux tax-xogħol;
- aċċess għal faċilitajiet xierqa ta' ħasil u tat-tojlit;
- id-disponibbiltà ta' tagħmir protettiv xieraq u mgħammar tajjeb, nadif, ikkontrollat u miżmum, maħżun f'post definit sew.

Limiti ta' esponiment fuq ix-xogħol (OELs) u monitoraġġ

Hemm stabbiltà OELs għal diversi sustanzi karċinoġeniċi. Din l-informazzjoni trid tkun inkluża fl-iskedi tad-data ta' sigurtà. Jenħtieġ li l-konformità mal-OELs tiġi madankollu kkunsidrata bħala l-minimu u li jsiru sforzi biex kemm jista' jkun jitnaqqas l-esponiment għal taħt dawn il-valuri.

Il-monitoraġġ tal-karċinoġeni jenħtieġ li jkun parti mill-istrateġija ta' ġestjoni tal-karċinoġeni ta' kumpanija u li jinkludi kontrolli perjodiċi tal-effikaċja tal-miżuri ta' kontroll.

Manutenzjoni u inċidenti

Jekk ikunu previsti kompiti li jistgħu jirriżultaw f'esponiment oġġla temporanju u ppjanat u dan ix-xogħol ikun inevitabbli (eż. bħala parti mill-manutenzjoni), l-impjegatur jeħtieġu jikkonsulta lill-ħaddiema/lir-rappreżentanti dwar miżuri ta' prevenzjoni xierqa li jkunu se jittieħdu biex jiġi minimizzat l-esponiment u għall-kontroll tal-aċċess.

L-impjegaturi jridu jinformaw lill-ħaddiema/lir-rappreżentanti dwar inċidenti ta' esponiment anormali malajr kemm jista' jkun. Ħaddiema bi protezzjoni xierqa u essenzjali għat-tiswijiet biss għandhom jitħallew jaħdmu fiż-żona affettwata. L-esponimenti ma għandhomx ikunu permanenti u jridu jitnaqqas kemm jista' jkun.

Għandu jkun hemm pjanijiet biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jinvolvu l-karċinoġeni u jenħtieġ li jiġi pprovdut taħriġ rilevanti, taħriġ perjodik u l-mezzi neċessarji għal intervent.

Konsultazzjoni mal-ħaddiema, informazzjoni u taħriġ

Il-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jridu jkunu involuti fl-identifikazzjoni ta' miżuri xierqa ta' kontroll. Irid jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu jistgħu jivvalutaw jekk il-leġiżlazzjoni hijiex qed tiġi applikata b'mod korrett jew le.

L-impjegatur irid jipprovi lill-ħaddiema bi struzzjonijiet xierqa u b'taħriġ rilevanti għax-xogħol tagħhom li jkopru r-riskji potenzjali għas-saħħa u l-użu ta' miżuri ta' kontroll, rekwiżiti ta' iġjene, tagħmir protettiv, ħwejjeġ, u l-indirizzar tal-inċidenti. It-taħriġ jenħtieġ ukoll li jqajjem sensibilizzazzjoni dwar riskji li mhumix viżibbli u effetti li jistgħu jidhru biss wara perjodu twil.

Sorveljanza tas-saħħa

L-Istati Membri stabbilixxew arranġamenti għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema (qabel l-esponiment, f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem u xi wħud anke wara li jintemm l-esponiment). Jekk ikun hemm suspett li s-saħħa ta' ħaddiem sejra lura b'riżultat ta' esponiment, tista' tkun meħtieġa sorveljanza tas-saħħa ta' ħaddiema esposti oħrajn u r-riskju jrid jiġi evalwat mill-ġdid. Iridu jinżammu rekords mediċi individwali tal-ħaddiema kkonċernati. Il-ħaddiema għandu jkollhom aċċess għad-data personali tagħhom u għandhom jingħataw informazzjoni dwar kwalunkwe sorveljanza tas-saħħa li jistgħu jgħaddu minnha wara li jintemm l-esponiment. Il-ħaddiema, jew l-impjegatur, jistgħu jitolbu rieżami tar-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa.

Eżempji ta' għodod u gwida

Hemm karċinoġeni fuq il-post tax-xogħol tiegħek? Wasal iż-żmien li tittieħed azzjoni! (IRSST, il-Kanada) <http://www.irsst.qc.ca/media/documents/PubIRSST/RG-796.pdf>

Dan id-dokument jiddeskrivi proċess għall-identifikazzjoni tal-karċinoġeni fil-post tax-xogħol, il-valutazzjoni tar-riskji u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni xierqa biex jitnaqqas r-riskji. Jinkludi lista ta' kontroll.

Karċinoġeni f'ambjent tax-xogħol: l-impjegati x'jeħtieġ li jkunu jafu? (L-Istitut Nazzjonali għall-Iżvilupp tas-Saħħa, l-Estonja) https://intra.tai.ee/images/prints/documents/135488464670_Tookeskkonna_kantseroogenid.pdf

Din il-gwida tindirizza l-effetti potenzjali ta' karċinoġeni differenti fuq il-post tax-xogħol, il-ġestjoni sikura u l-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħaddiema esposti.

Dokumenti ta' gwida għall-identifikazzjoni u s-sostituzzjoni ta' karċinoġeni (INRS, Franza) <http://www.inrs.fr/actualites/nouvelles-far-fas.html>

L-iskedi informativi, ikkompilati minn esperti tal-OSH u tat-teknoloġija, jiġu aġġornati kontinwament. Hemm 56 skeda informativa dwar l-identifikazzjoni u 38 skeda informativa dwar is-sostituzzjoni ta' karċinoġeni speċifiċi fuq il-post tax-xogħol.

INFOCARQUIM — informazzjoni dwar il-karċinoġeni kimiċi (INSST, Spanja) <http://infocarquim.insht.es:86/Forms/About.aspx>

Il-bażi ta' data INFOCARCARIM hija maħsuba għall-iġjenisti industrijali, għall-professionisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u tal-OSH, għall-impjegaturi u għall-ħaddiema. Tipprovdi informazzjoni dwar:

- il-klassifikazzjoni tal-karċinoġeni;
- l-użu u l-applikazzjonijiet ta' tali aġenti;
- alternattivi possibbli;
- it-tumuri potenzjalment relatati ma' kull aġent;
- data dwar il-produttjoni.

Notifikazzjoni u żamma ta' rekords:

L-impjegaturi jridu jżommu lista aġġornata tal-ħaddiema esposti u jagħtu aċċess għad-data, kif mitlub, lill-persuni awtorizzati (tobba, awtoritajiet, ħaddiema u rappreżentanti). L-awtorità kompetenti trid tiġi notifikata dwar il-każijiet kollha ta' kanċers okkupazzjonali. Ir-rekords għandhom jinżammu għal mill-inqas 40 sena wara li jintemm l-esponiment u għandhom jiġu ttrasferiti lill-awtorità kkonċernata jekk il-kumpanija ma tibqax teżisti.

Miżuri għall-ħaddiema li jistgħu jkunu partikolarment f'riskju

Fit-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju, l-impjegaturi jridu jagħtu attenzjoni partikolari lil xi gruppi ta' ħaddiema:

- skont id-Direttiva 94/33/KE dwar il-ħaddiema żgħażaġh, iż-żgħażaġh ma għandhomx jaħdmu taħt kundizzjonijiet li jesponuhom għal karċinoġeni;
- id-Direttiva 92/85/KEE dwar il-ħaddiema nisa tqal tipprevedi li l-impjegaturi jeħtieġ li jivvalutaw kwalunkwe riskju u kull effett possibbli fuq it-tqala jew it-treddiġh u jieħdu miżuri xierqa, pereżempju billi jittrasferixxu impjegata li tkun tqila jew li tkun qed tredda' f'kariga oħra jew li jagħtu l-liv;
- ħaddiema li jista' jkollhom diffikultajiet biex jifhem kwalunkwe gwida jew taħriġ, bħal ħaddiema migranti jew ħaddiema ġodda;
- ħaddiema li jwettqu manutenzjoni u ħaddiema sottokuntrattati.

Dawn il-ħaddiema għandhom jirċievu taħriġ speċifiku għall-ħtiġijiet tagħhom u jkunu koperti minn miżuri xierqa ta' prevenzjoni.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok, ikkonsulta l-iskeda informattiva "Ħaddiema vulnerabbli u sustanzi perikolużi".

Pjan Direzzjonali dwar il-Karċinoġeni

Il-kanċer huwa smat li huwa l-kawża prinċipali tal-imwiet relatati max-xogħol fl-UE. Għalhekk, fil-25 ta' Mejju 2016, sitt organizzazzjonijiet Ewropej impenjaw ruħhom għal skema ta' azzjoni volontarja — the il-Pjan Direzzjonali dwar il-Karċinoġeni (<https://roadmaponcarcinogens.eu/>) — biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari f'intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs), dwar riskji li jirriżultaw mill-esponiment għall-karċinoġeni fuq il-post tax-xogħol, u biex isir skambju ta' prattika tajba.

L-Istati Membri, is-sħab soċjali, il-kumpaniji, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u organizzazzjonijiet oħra fl-Ewropa kollha (u anke lil hinn minnha) huma mħeġġin jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet:

- l-għoti ta' informazzjoni dwar il-valuri ta' limitu, il-metodi ta' valutazzjoni tar-riskju u miżuri possibbli ta' prevenzjoni;
- l-influenzar tal-imġiba u l-kultura fuq il-post tax-xogħol;
- l-promozzjoni ta' eżempji speċifiċi ta' prattiki tajba kosteffettivi, fattibbli għall-SMEs.

Aqra l-Patt (<https://osha.europa.eu/sites/default/files/carcinogens-covenant.pdf>) biex tara eżatt għal xiex impenjaw ruħhom is-sħab.


Ikkonsulta l-Pjan Direzzjonali (<https://osha.europa.eu/sites/default/files/carcinogens-background-roadmap.pdf>) għad-dettalji kollha tal-isforzi konġunti.

Aktar informazzjoni

Artiklu tal-OSHWiki dwar sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi u tossiċi għar-riproduzzjoni [https://oshwiki.eu/wiki/Category:Carcinogenic,_mutagenic,_reprotoxic_\(CMR\)_substances](https://oshwiki.eu/wiki/Category:Carcinogenic,_mutagenic,_reprotoxic_(CMR)_substances)

Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol <https://osha.europa.eu/mt/legislation/directives/directive-2004-37-ec-carcinogens-or-mutagens-at-work>

#EUhealthyworkplaces



www.healthy-workplaces.eu

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2020

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li s-sors jiġi rikonoxxut. Għar-riproduzzjoni jew l-użu tal-istampi, irid jintalab permess direttament mid-detentur tad-dritt tal-awtur.

Ir-ritratti użati f'din il-pubblikazzjoni jiddeskrivu firxa ta' attivitajiet ta' xogħol. Mhux bilfors juru prattiki tajba jew konformità mar-rekwiżiti leġislattivi.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.